MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1150/2008

Joseph sive Joel **SPITERI**
u Christine Bugeja

**vs**

**BAHIA ESTATES LIMITED (C38808**)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit- 18 ta' Novembru, 2008, li bih ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' mharrka biex thallas lill-atturi s-somma ta'

sebgha u sebghin elf sitt mija u erbgha u tmenin euro u sittin centezmi (€77,684.60) li, kwantu ghal €50,896.81 minnhom tirraprezenta pagamenti akkont tal-prezz stipulat f’att ta’ konvenju li sar bejn il-partijiet fit-2 ta’ Dicembru, 2006, kif debitament estiz; u kwantu ghal sitta u ghoxrin elf seba’ mija u sebgha u tmenin euro u disgha u sebghin centezmi (€26,787.79) tirrapprezenta hlasijiet akkont maghmulin minnhom lill-kumpannija mharrka in konsiderazzjoni tal-“completion agreement” li sar ukoll fl-okkazjoni u in konnessjoni mal-imsemmi att ta’ konvenju;

Talbu ukoll il-hlas ta’ l-imghax legali u l-ispejjez.

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimata li naqset li tidher meta ssejhet il-kawza, u hekk baqghet kontumaci;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Semghet l-Avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrzultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ intimata tiddeciedi billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-atturi** u taqta’ l-kawza minghajr is-smigh;

2) **Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lis-socjeta’ mharrka, biex thallas lill-atturi s-somma ta’ sebgha u

sebghin elf sitt mija u erbgha u tmenin euro u sittin centezmi (€77,684.60) rapprezentanti l-ammonti msemmija kif fuq inghad, flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-14 ta' Novembru, 2008, sal-jum tal-hlas effettiv.

**3) Tikkundanna** lis-socjeta' mharrka thallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------